

L-Erbgħa 18 ta' April 2018

P8\_TA(2018)0114

**L-iskart \*\*\*I**

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' April 2018 dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (COM(2015)0595 – C8-0382/2015 – 2015/0275(COD))**

**(Proċedura leġislattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

(2019/C 390/38)

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2015)0595),
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0382/2015),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni motivati preżentati mis-Senat Franċiż u l-Kunsill Federali Awstrijak, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' sussidjarjetà u proporzjonalità li jiddikjaraw li l-abbozz ta' att leġislattiv ma jimxix mal-prinċipju tas-sussidjarjetà,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tas-27 ta' April 2016 <sup>(1)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-15 ta' Ġunju 2016 <sup>(2)</sup>,
  - wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 69f(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu u l-impenn meħud mir-rappreżentant tal-Kunsill, permezz tal-ittra tat-23 ta' Frar 2018, li japprova l-pożizzjoni tal-Parlament, skont l-Artikolu 294(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u l-opinjoni tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija (A8-0034/2017),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt <sup>(3)</sup>;
  2. Jieħu nota tad-dikjarazzjonijiet tal-Kummissjoni annessi ma' din ir-riżoluzzjoni;
  3. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;
  4. Jagħti iSTRUZZJONIJET lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

<sup>(1)</sup> ĠU C 264, 20.7.2016, p. 98.

<sup>(2)</sup> ĠU C 17, 18.1.2017, p. 46.

<sup>(3)</sup> Din il-pożizzjoni tissostitwixxi l-emendi adottati fl-14 ta' Marzu 2017 (Testi adottati, P8\_TA(2017)0070).

**L-Erbgħa 18 ta' April 2018**

**P8\_TC1-COD(2015)0275**

**Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fit-18 ta' April 2018 bil-ksieb tal-adozzjoni tad-Direttiva (UE) .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart**

*(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament taqbel mal-att leġiżlattiv finali, Direttiva (UE) 2018/851.)*

---

L-Erbgħa 18 ta' April 2018

## ANNEX GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

## DIKJARAZZJONIJIET MILL-KUMMISSJONI

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI DWAR QAFAS TA' POLITIKA GĦALL-EKONOMIJA ĊIRKOLARI**

Il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa tal-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari <sup>(1)</sup>. Biex jinżamm rekord tal-progress lejn l-ekonomija ċirkolari, il-Kummissjoni adottat qafas ta' monitoraġġ <sup>(2)</sup> li jibni fuq il-Valutazzjoni tal-Effiċjenza tar-Riżorsi u tal-Materja Prima eżistenti. Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni wkoll lejn il-ħidma tagħha li għaddeja dwar indikatur tal-impatt għall-prodotti u l-organizzazzjonijiet.

L-azzjonijiet meħuda skont il-pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari jikkontribwixxu wkoll biex jintlaħqu l-oġġettivi tal-Unjoni dwar il-konsum u l-produzzjoni sostenibbli, fil-kuntest tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 12. Dan huwa l-każ, pereżempju, tal-istrateġija dwar il-plastik <sup>(3)</sup> jew tal-proposta reċentement emendata dwar il-garanzija legali għal prodotti tal-konsumatur <sup>(4)</sup>.

F'dak li jirrigwarda l-konsistenza bejn l-oqfsa regolatorji tal-Unjoni, il-Kummissjoni dan l-aħħar adottat ukoll Komunikazzjoni li tistabbilixxi l-għażliet biex tiġi indirizzata l-interfaċċa bejn il-leġiżlazzjoni tas-sustanzi kimiċi, il-prodotti u l-iskart <sup>(5)</sup>. Fl-2018, il-Kummissjoni se teżamina wkoll għażliet u azzjonijiet għal qafas ta' politika aktar koerenti għal-linji ta' ħidma differenti dwar il-politika tal-prodotti tal-UE fil-kontribut tagħhom lejn l-ekonomija ċirkolari. L-interazzjonijiet bejn il-leġiżlazzjoni u l-kooperazzjoni tal-industrija dwar l-użu ta' prodotti sekondarji u l-preparazzjoni għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart se jiġu wkoll ikkunsidrati fil-qafas ta' dawn l-inizjattivi u s-segwitu tagħhom.

Fir-rigward tal-ekodisinn, il-Kummissjoni, skont il-Pjan ta' Ħidma tal-Ekodisinn għas-snin 2016–2019 <sup>(6)</sup>, tikkonferma l-impenn qawwi tagħha biex jiġi żgurat li l-ekodisinn joffri kontribut aktar sinifikanti lill-ekonomija ċirkolari, pereżempju billi jindirizza b'mod aktar sistematiku l-kwistjonijiet tal-effiċjenza tal-materjali bħad-durabbiltà u r-riċiklabbiltà.

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI DWAR L-INIZJATTIVI GĦALL-EKONOMIJA KOLLABORATTIVA**

Skont il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari <sup>(7)</sup>, il-Kummissjoni nediet għadd ta' inizjattivi dwar l-ekonomija kollaborattiva. Kif imħabbar fil-Komunikazzjoni tagħha dwar aġenda Ewropea għall-ekonomija kollaborattiva <sup>(8)</sup> f'Ġunju 2016, il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja l-iżviluppi ekonomiċi u regolatorji tal-ekonomija kollaborattiva, bil-ħsieb li tħeġġeġ l-iżvilupp ta' mudelli ta' negozju ġodda u innovattivi, filwaqt li tiżgura protezzjoni tal-konsumatur u soċjali adegwata.

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI DWAR IL-MIKROPLASTIK**

Fil-kuntest tal-istrateġija Ewropea għall-Plastiks adottata reċentement fl-Ekonomija Ċirkolari <sup>(9)</sup>, il-Kummissjoni ressqet approċċ ta' strateġija integrata biex tindirizza tħassib dwar il-mikroplastik, inkluż ingredjenti tal-mikrożibeġ. Dan jiffoka fuq azzjonijiet preventivi u għandu l-għan li jnaqqas ir-rilaxx tal-mikroplastik minn sorsi ewlenin kollha – kemm jekk minn prodotti li fihom huma intenzjonalment miżjudja (bħal prodotti għall-kura personali u ż-żebgħat) jew minn dawk li joriġinaw mill-produzzjoni jew użu ta' prodotti oħrajn (bħall-plastik osso, it-tajers, il-gerbub tal-plastik, u t-tessuti).

**DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI DWAR ir-rapportar tad-data dwar l-iskart fl-2020**

Bil-ħsieb li jkun monitorat il-progress lejn il-miri ġodda għall-iskart muniċipali u l-iskart mill-imballaġġ, u fid-dawl tal-klawsoli ta' revizzjoni rilevanti, b'mod partikolari biex jiġu stabbiliti miri għall-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel u r-riċiklaġġ ta' żjut ta' skart, il-Kummissjoni tissottolinja l-importanza ta' fehim komuni li ntlaħaq bejn il-koleġiżlaturi li l-Istati Membri ser jiżguraw li r-rapportar ta' data taħt id-Direttivi 2008/98/KE dwar l-iskart, 94/62/KE dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ u 1999/31/KE dwar ir-rimi ta' skart f'terraferma kif emendat, ser ikopri s-sena 2020.

<sup>(1)</sup> COM(2015)0614<sup>(2)</sup> COM(2018)0029<sup>(3)</sup> COM(2018)0028<sup>(4)</sup> COM(2017)0637<sup>(5)</sup> COM(2018)0032<sup>(6)</sup> COM(2016)0773<sup>(7)</sup> COM(2015)0614<sup>(8)</sup> COM(2016)0356<sup>(9)</sup> COM(2018)0028